KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa B'Urġenza Numru 15** **It-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:09pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Chris Grech – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l- ittri t' apoloġiji tal- Kunsillier Grech u l- Kunsillier Portelli illi informaw lil- Kunsill illi ma jistgħux jattendu.

## 15.2 Preżentazzjoni tar- Rapport tal- bord tal- għażla għall- Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku beda l- laqgħa billi nforma lil- Kunsillieri illi din il- laqgħa ssejħet b' urġenza sabiex il- Kunsill jimxi mad- *deadline* tad-Dipartiment tal- Gvern Lokali (DGL) marbut mal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku preżenta r- rapport tal- bord tal- għażla, f' isem il-bord kompost mill- Kunsillier Thomas De Martino u l- Kunsillier Chris Grech. Madwar tlett kwarti qabel ma kien skedat il- bidu tal- intervisti, il- Kunsillier Grech informa lis- Sindku illi għal- raġunijiet personali, jinsab indispost sabiex jattendi. Is- Sindku talab lil- Kunsillier Grech sabiex jibgħat Kunsillier tal- għażla tiegħu minfloku sabiex l- intervisti ikunu jistgħu jipproċedu hekk kif kien stabbilit mal-Kandidati. Għaldaqstant, il-Kunsillier Grech għażel lill-Kunsillier Chantelle Portelli sabiex tattendi minfloku.

Is-Sindku stqarr illi is-CVs kienu iċċirkolati mal-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa sabiex kien ikollhom ċans adegwat jaraw id-dokumenti relevanti u jevalwaw il-kandidati fuq mod individwali. Il- bord tal- għażla ppropona lis- Sur Jeremy Bartolo bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il- Kunsillieri preżenti qablu ma din il- proposta tal- bord tal- għażla b' rekomandazzjoni taċ- *chairman* is-Sindku Joseph Gatt illi kien issekondant mil-Viċi Sindku Sur Keith Cassar.

## 15.3 Tmiem tal- laqgħa u data tas- seduta li jmiss

Il- Laqgħa temmet fis- 18:20pm, bil laqgħa tal- Kunsill li jmiss tibqa dik tal- 24 ta' Ġunju 2025 fis- 18:00pm, hekk kif kien stabbilit fil-laqgħa preċedenti.

| | |
|---|---|
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL